# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 66/2024 BS**

**L-Avukat Dr. Chris Said bħala mandatarju specifiku ta' Mary Annie Cassar**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur nomine illi ppremetta:**

Illi l-esponenti nomine ossia Mary Annie Cassar, bint Francis Cassar u Mary Cassar nee' Mejlaq, twieldet in-Nadur, Ghawdex fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena eif disa' mija hamsa u sittin (1960), u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha numru mitejn u tmienja tas-sena elf disa' mija u hamsa u sitin (208/1965); liema certifikat jinsab anness u mmarkat bhala Dokument "A".

Illi dan l-istess certifikat huwa afflitt minn zball fis-sens illi fil-kolonna intestata "lsem il-wild" l-esponenti nomine gie ndikat bhala

skorrettament bhala "Mary Annie", meta dan kellu jigi ndikat bhala "Maryann";

Illi l-esponenti nomine ilha sa mit-twelid taghha tissejjah dejjem "Maryann" u ta' eta zghira l-genituri taghha flimkien ma uliedhom emigraw lejn l-Awstralja fejn issa l-esponenti ilha tghix ghal aktar minn hamsin (50) sena;

Illi dawn is-snin kollha kull document taghha fl-Awstralja dejjem tnizzlet bhala "Maryann" u mhux "Mary Annie";

Illi dan illum qed joholqilha diffikulta' anke biex tohrog passaport Malti kif ghandha dritt u ghalhekk trid li ssir din il-korrezzjoni;

Illi ghaldaqstant hemm lok illi ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-esponenti nomine sabiex dan l-izball jigi kkoregut, u huwa ghalhekk illi qieghda ssir din it-talba;

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid tal-esponenti nomine u cioe' ta' Mary Annie Cassar, liema att igib in-numru progressiv mitejn u tmienja tas-sena elf disa' mija u hamsa u sittin (208/1965) jikkontjeni zball kif fuq spjegat; u konsegwentement

2. Tordna illi l-istess Att ta' Twelid jigi kkorregut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u kunjom it-tarbija", I-isem "Mary Annie" jigi sostitwit bl-isem "Maryann" u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan biex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar l'quddiem;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-direttur konvenut illi eċċepixxa:**

1. Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita

publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-0norabbli Qorti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;

4. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti ppreżentati mill-attriċi tramite l-mandatarju tagħha annessi mar-rikors ġuramentat.[1] Fliet ukoll id-dokumenti ippreżentati matul il-kawża.[2]

Rat illi fid-29 ta' Awissu, 2024 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-08 ta' Novembru 2024.[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex.[4]

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.[5]

Fliet ix-xhieda mogħtija fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2024. [6]

[1] A fol 4 tal-proċess
[2] A fol 13 sa fol.15 tal-proċess
[3] A fol 7 tal-proċess
[4] A fol 12tal-proċess
[5] A fol 11 tal-proċess
[6] A fol 16 tal-proċess

Rat li fis-seduta tat-08 ta' Novembru, 2024 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.[7]

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attriċi noe kif indikat fir-rikors ġuramentat qed tagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Hija tgħid li isimha ġie indikata bħala "Mary Annie" fuq l-att tat-twelid mentri dan kellu jkun imniżżel bħala "Maryann". Tgħid li hija minn dejjem magħrufa bħala "Maryann". Tispjega li hija emigrat lejn l-Awstralja flimkien mall-ġenituri tagħha f'eta tenera u f'kull att fl-Awstralja isimha huwa indikata bħala "Maryann".

Kif diġa nnutat din il-Qorti jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li isem l-attriċi huwa dak ta' "Maryann" u mhux "Mary Annie".

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis li t-talba għal tibdil fl-isem ta' persuna għandha tiġi akkordata biss jekk jirriżulta li tali tibdil huwa meħtieġ sabiex tiġi eliminata konfużżjoni u diżordni fl-imħuh tal-membri tas-soċjeta dwar l-identifikazzjoni.

Billi kif ġia ingħad milli atti jirriżulta li isem li dejjem użat l-attriċi kien "Maryann" u mhux "Mary Annie, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta' l-attriċi huma mistħoqqa u dan għar-raġunijiet ġia mogħtija. Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenut allura dan m'għandux ibati l-ebda spejjeż.

**Deċide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attrici u :

[7] A fol 18 tal-proċess

i. Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid ta' l-attriċi nomine u cioe' ta' Mary Annie Cassar, liema att iġib in-numru progressiv mitejn u tmienja tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (208/1965) fih żball;

ii. Tordna għaldaqstant li dan l-istess Att ta' Twelid jiġi kkorreġut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom it-tarbija", l-isem "Mary Annie" jiġi sostitwit bl-isem "Maryann" u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku ta' l-attriċi nomine.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Reġistratur